VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,422, 15 ta' Ġunju, 2020
Taqsima B

A.L. 244 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l-Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni huwa l-Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l-Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar l-Estensjoni tal-Projbizzjoni fuq l- Ivjaġġar lejn il-Pajjiżi Kollha, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 465. 26.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 2020.

Jemenda r-regolament 2 tal-ordni prinċipali.

2. Fil-paragrafu (ċ) tal-proviso tal-artikolu 2 tal-ordni prinċipali, il-kliem "meqjus li jkun essenzjali." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "meqjus li jkun essenzjali:" u minnufih wara għandu jiżdied li ġej:

"Iżda wkoll b'effett mill-1 ta' Lulju 2020, persuni jistgħu jivjaġġaw minn Malta lejn il-pajjiżi elenkati f'dan il-proviso u mill-pajjiżi elenkati f'dan il-proviso lejn Malta:

(a) l-Awstrija;

(b) Ċipru;

(ċ) ir-Repubblika Ċeka;

(d) id-Danimarka;

(e) l-Estonja;

(f) il-Finlandja;

(g) l-Ungerija;

(h) l-Iżlanda;

(i) l-Irlanda;

(j) il-Ġermanja;

(k) il-Latvja;

(l) il-Litwanja;

(m) il-Lussemburgu;

(n) in-Norveġja;

(o) l-Italja, bl-eċċezzjoni ta’ Emilia Romagna, il-Lombardija u Piemonte;

(p) Franza, bl-eċċezzjoni ta' Ile-de-France;

(q) Slovakkja;

(r) l-Isvizzera;

(s) il-Greċja;

(t) Kroazja;

(u) Spanja, bl-eċċezzjoni ta' Madrid, il-Katalonja, Castilla-La Mancha, Castile u Leon; u

(v) il-Polonja:

Iżda s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika tista' tagħti eżenzjoni lil persuni sabiex jivvjaġġaw minn Malta lejn pajjiżi barra minn dawk elenkati fil-proviso hawn fuq u minn pajjiżi barra minn dawk elenkati fil-proviso hawn fuq lejn Malta fejn dak l-ivvjaġġar ta' persuni jkun meqjus bħala neċċessarju jew essenzjali.".